MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 445/2012

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Maria Pace

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 227784m, akkuzata talli:

*1.* f'Gunju 2010 u granet ohra f'dawn il-Gzejjer ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' *daily attendance sheets* li jappartjenu lill *Secretarial Services Limited,* billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billli ziedet jew biddlet klawsoli dikjazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamilt uzu mill-istess att kitba jew skrittura falza – bi ksur tal-Artikolu 183, 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess zminijiet u lok ifflasifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu presentati wiehed jista jircevi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn uifficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u cioe' *daily attendance sheets* li jappartjenu lill *Secretarial Services Limited*; kif ukoll xjentement ghamlet uzu minnhom – bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess zminijiet u lok b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi ueriet haga b'ohra sabiex titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginatji jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kinerika, ghamlet qligh b'qerq ghad-dannu ta' *Secretarial Services Limited* u/jew persuni ohra – dan bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309, 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament mhu opposta;

Semghet ix xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma: l-imputata ghamlet zmien minn qisu l-2009 sal 5 ta' Dicembru 2011 impiegata tas-socjeta' *Secretarial-Services Limited* mislufa lil Transport Malta u dettaljata fl-ufficju tar-*Road Management and Road Safety* immexxi mill-Perita Audrey Testaferrata de Noto. L-imputata kienet tirrispondi direttament lil Perita u kienet tahdem mis-7.00am sat-3.30pm kull jum mit-tnejn sal gimgha. Kienet rikjesta mis-socjeta' li kienet timpiegha, igifieri *Secretarial Services Limited*, li tibghatilha rassenja rigward l-attendenza taghha fuq ix-xoghol li kienet tikkompila hi taht il-firma tal-Perita.

Intant, mill-provi jidher li l-imputata kienet tahdem il-granet u l-hinijiet lilha assenjati u kienet wkoll tibghat l-hekk imsejha *attendance sheets* ta' kull gimgha lis-socjeta' li kienet timpiegha. Madanakollu, huwa propju minhabba dawn l-*attendance sheets* esebiti in atti minn folio 25 sa 29 u replikati f'folio 38 sa 41 li l-imputata sabet ruhha akkuzata b'falsifikazzjoni u truffa. L-allegazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni hi li l-imputata wahlet fl-ahhar tal-folja tal-attendenza bicca karta bil-firma tal-perita li kienet sussegwentement tiffotokopja u tibghata lill-principali taghha.

Qabel pero' ma l-Qorti tezamina x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi, thoss li ghandha tezamina mill l-att dottrinali liema fost l-akkuzi dedotti huma dottrinalment sostenibbli.

Fost it-tlett akkuzi li tikkontempla t-tahrika l-Qorti qeghdha telimina t-tieni u t-tielet u tiddikjara mhux hatja taghhom. Fir-rigward l-ewwel imsemmi stante li l-pagament dovut lil-imputata kien ghal salarju, mhux assoggettat jew dipendenti ghal l'hekk imsejha *attendance sheets,* dovut lilha minn socjeta' privata, allura mhux ufficju pubbliku, bank jew stabiliment pubbliku imwaqqaf jew maghruf

b'xi att pubbliku tal-Gvern. Dwar it-tieni stante li mhux identifikabbli ebda *mise en scene* konsistenti f'artifizi jew raggiri kapaci li jingannaw u li effettivament ikunu ingannaw lil dak li jkun tali li jirrekawlu telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent.

Jibqa biex tigi trattata l-ewwel akkuza: din treggi fuq l-Artikolu 183 tal-Kap 9 li jghid – "kull persuna ohra [ergo mhux ufficjal pubbliku] li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skriitura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew ibiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw jehel…"

Illi hi l-fehma tal-Qorti li jekk jinsab pruvat li kienet l-imputata li zdiedet f'din l'hekk imsejha *attendance sheet* l-bicca karta bil-firma tal-perita, li mhux kontestat hija genwina, li mbaghad fil-forma ta' fotokopja tal-intier bir-rassegnja tal-attendenza tal-imputat fuq ix-xoghol kienet tintbaghat lill-*Secretarial Services Limited* ikun il-kaz li l-imputata tinsab hatja taht dan l-ahhar bram ta' dan l-artikolu.

Il-provi f'dan il-kuntest huma cirkostanzjali pero' bizzejjed b'sahhitom biex wiehed jasal ghall-konvizzjoni li dan l-agir sar mill-imputata nonostante ic-cahda taghha. Li ma irrizultax hu jekk lill-principal taghha kinitx l-imputata tibghat din it-tip ta' rassegna. Frankament ukoll l-Qorti ftit fehmet l-iskop ta' dan minn naha tal-imputata jekk mhux biex tehles mill-intrigu li tottjeni l-firma tal-perita f'kull istanza tar-rassegnja.

Inghad dan tiddecidi billi ssib l-imputata hatja tal-ewwel akkuza u tilliberha mill-bqija. Rat l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9. Stante il-fattispecje tal-kaz qeghdha tilliberha inkondizjonatament bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-imputata r-responsabiltajiet taghha skond din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------